

- Tiddeċiedi fuq il-kawża u tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament sa fejn ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrent peress li ma laħaqx l-età rikjesta ta' 65 sena, li jingħata dritt ta' pensjoni kumplimentari volontarja;
- Tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż tal-proċedura fl-istadju tal-appell u l-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-243/20.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-aggravji huma bbażati fuq: (i) in-nuqqas ta' kompetenza tal-Bureau li jieħu d-deċiżjoni tal-Bureau 2018, b'mod partikolari, peress li jstabbilixxi Kundizzjonijiet materjali tad-dritt li qed jiġu miksuba qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal; (ii) il-ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 27(2) tar-Regolamenti tal-Persunal minħabba n-nuqqas ta' rispett għad-drittijiet li jagħtu titolu prospettiv qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal; (iii) ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza u nondiskriminazzjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' proporzjonalità; (iv) ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali (nuqqas ta' miżuri tranżitorji) u tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi.

---

**Appell ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2021 minn Graham R. Watson (T-245/20) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fil-15 ta' Settembru 2021 fil-Kawża magħquda T-240/20 sa T-245/20, Arnaoutakis et vs Il-Parlament**

(Kawża C-716/21 P)

(2022/C 37/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

*Appellant*: Graham R. Watson (rappreżentanti: J. M. Martínez Gimeno, abogado, D. Sarmiento Ramírez-Escudero, abogado, E. Arnaldos Orts, abogado, F. Doumont, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura*: Il-Parlament Ewropew

### Talbiet

- Tannulla s-sentenza appellata fit-totalità tagħha;
- Tiddeċiedi t-tilwima u tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament sa fejn din tiċħad it-talba tar-rikorrent, minħabba li ma laħaqx l-età meħtieġa ta' 65 sena, li jingħata dritt għal pensjoni komplementari volontarja;
- Tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż tal-proċedura ta' appell u tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-245/20.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-aggravji tal-appell huma bbażati: (i) fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Bureau sabiex jieħu d-deċiżjoni tal-Bureau tal-2018, b'mod partikolari, sa fejn din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet materjali għad-drittijiet li qegħdin jiġu akkwistati qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal; (ii) fuq il-ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 27(2) tar-Regolamenti tal-Persunal minħabba n-nuqqas ta' osservanza tad-drittijiet li qegħdin jiġu akkwistati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn tal-aħħar; (iii) fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' proporzjonalità; (iv) fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali (assenza ta' miżuri tranżitorji) u tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi.